MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 325/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tommy Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tommy Dimech talli:

(1) Fid-19 ta’ Novembru 2003 ghall-habta tal-5.00 ta’ filghaxija f’Haz-Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tat-tabib Godfrey Farrugia M.D. minn Haz-Zebbug f’periklu car, permezz ta’ strument li jaqta’ u jniggez (stallett) ikkaggunalu feriti gravi skond kif gie ccertifikat mit-tabib Neboysa Milenkovic M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u li jniggez ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess tabib Godfrey Farrugia M.D., liema offizi x'aktarx jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh, ta' l-imsemmi tabib;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u li jniggez ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess tabib Godfrey Farrugia M.D., liema offiza tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-imsemmi tabib;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammit minn Haz-Zebbug, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmi stallett fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

(5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u li jniggez;

(6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' u li jniggez minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(7) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(8) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hedded lil martu Diane Dimech bi kliem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Tommy Dimech ihallas l-ispejjz li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Tommy Dimech hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv dik ta' tentattiv ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammiet, mil-liema akkuza lliberatu, u kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u qeghditu taht ordni ta' supervizjoni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghall-perijodu kollu ta' erba' snin, kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas tas-somma ta' Lm439.30 spejjez peritali fi zmien tliet xhur u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti fi prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fuq l-akkuzi kollha hlief dik ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Margaret Zammit u minflok il-piena ta' prigunerija sospiza timponi piena karcerarja effettiva skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena. Huwa jsostni illi l-piena kellha tkun wahda ta' prigunerija effettiva u mhux sospiza. Jghid illi t-tabib Godfrey Farrugia kien ghax-xoghol tieghu jghin il-pazjenti izda spicca pazjent hu b'kundizzjoni serja hafna. L-appellant jirreferi ghall-insenjament tal-Qrati taghna fis-sens li l-vjolenza, bhala regola generali, dejjem iggib maghha piena ta' prigunerija b'effett immedjat.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li

kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Generali.

M'hemm l-ebda dubju li l-piena ta' sentejn prigunerija taqa' fil-parametri tal-pieni applikabbli ghar-reati li dwarhom l-appellat instab hati. Difatti dwar ir-reati bi ksur tal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali seta' wehel minimu ta' disa' xhur u massimu ta' disa' snin b'zieda mbaghad ta' terz sa nofs il-pieni applikabbli ghar-reati taht il-Kap. 66 (il-ligi applikabbli fil-kaz odjern), u cioe` minn xahrejn sa sentejn prigunerija.

Issa, huwa minnu illi din il-Qorti (kemm f'appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll f'appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) ilha tirritjeni illi l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi. Mill-atti pero` ma jirrizultax illi quddiem l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni talbet jew insistiet fuq xi piena partikolari u l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha permessa mil-ligi sabiex tissospendi l-esekuzzjoni immedjata tas-sentenza ta' prigunerija. L-ewwel Qorti ghexet il-process kollu, u kellha quddiemha l-istess fatturi li kellha din il-Qorti. Biex waslet ghad-decizjoni taghha li tissospendi l-esekuzzjoni immedjata tas-sentenza ta' prigunerija, l-ewwel Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-appellat (mill-fedina penali aggornata esebita quddiem din il-Qorti fil-fatt jirrizulta illi din ghadha netta), il-fatt li l-appellat iddispjacih sincerament ghal dak li ghamel, il-fatt li l-vittma hafer lill-appellat mill-bidu nett u stqarr li ilu jafu ghal zmien twil bhala pazjent tieghu u qatt ma kellu xi jghid mieghu tant li lanqas civilment ma ried ifittex lill-appellat, il-fatt li l-incident kien wiehed sfortunat, u l-fatt li l-appellat huwa persuna biezla hafna u li jahdem hafna. Barra minn hekk,

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi, jidher illi l-appellat laqat lit-tabib Farrugia b'mod involontarju.

Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena. Tirrakkomanda biss li l-appellat, bl-assistenza ta' l-ufficjal sorveljanti, isib mezz kif jikkumpensa lill-vittma t-tabib Farrugia ghad-danni ingenti li huwa kkawzalu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza ta' prigunerija sospiza kif ukoll ta' l-ordni ta' supervizjoni jibda jiddekorri millum. Ghal kull bwon fini din il-Qorti spjegat lill-appellat bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija; il-Qorti finalment gibdet ukoll l-attenzjoni tar-Registratur ghas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------